**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 15 ta' Frar, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Michael Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Michael Mifsud detentur ta' karta tal-identita numru 500865M akkuzat talli fit-13 ta' Frar, 2018 ghall-habta tat-20:00 ta' filghaxija gewwa Hal-Qormi

1. Wettaq offiza fuq il-persuna ta' Michael Camilleri, liema offiza titqies bhala hafifa, izda illi giet maghmula b' arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm ghandu f' xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, that il-kontroll tieghu, arma tan-nar jew minuzzjon elenkati fi skeda II, minghajr licenzja;
3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, talli akkwista jew kellu f' idejh xi arma tan-nar jew minuzzjon xort' ohra milli ghad ghandu licenzja, u naqas milli javza lill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma kinitx fl-ghata taghha, jew spara xi arma tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn xi belt jew rahal, jew zona abitata ohra, jew f' medda ta' 50 metru minn toroq principali;
5. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 ta' Frar, 2018, ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 221 u 217 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 5(1), 41, 51 u 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 18(2) tal-AL 79/2006 l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah 18-il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin millum kif ukoll multa ta' tminn mitt ewro (€800).

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum fejn il-persuna protetta hija Michael Camilleri.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**